22003D0139

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 139/2003

tas-7 ta' Novembru 2003

li temenda l-Anness I (Materji veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 102/2003 tas-26 ta' Settembru 2003 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/83/KE tal-5 ta' Frar 2003 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/70/KE li tintroduċi l-miżuri minimi Komunitarji għall-kontroll ta' ċertu mard li jaffettwa l-molluski bivalvi ([2]) trid tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/114/KE tad-19 ta' Frar 2003 li temenda għat-tielet darba d-Deċiżjoni 2002/308/KE li tistabbilixxi l-listi taż-żoni appovati u tal-*farms*approvati tas-septisemja emorraġika virali (il-*VHS*) tal-ħut u n-nekrosi ematopojtiċi infezzjużi (il-*IHN*) ([3]) trid tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/236/KE tat-3 ta' April 2003 li temenda d-Deċiżjoni 92/486/KEE li tistabbilixxi l-għamla ta' kooperazzjoni bejn iċ-ċentru ospiti *ANIMO* u l-Istati Membri ([4]) trid tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(5) Din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal Liechtenstein,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I ta' l-Anness I mal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. l-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 12 (id-Direttiva tal-Kummissjoni 92/486/KE) fil-parti 1.2:

"– **32003 D 0236**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/236/KE tat-3 ta' April 2003 (ĠU L 87, ta' l-4.4.2003, p. 12).";

2. l-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 8 (id-Direttiva tal-Kunsill 95/70/KE) fil-Parti 3.1:

"– **32003 D 0083**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/83/KE tal-5 ta' Frar 2003 (ĠU L 32, tas-7.2.2003, p. 13).";

([1]) ĠU L 331, tat-18.12.2003, p. 8.
([2]) ĠU L 32, tas-7.2.2003, p. 13.
([3]) ĠU L 46, tal-20.2.2003, p. 29.
([4]) ĠU L 87, ta' l-4.4.2003, p. 12.

3. l-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 66 (id-Direttiva tal-Kunsill 2002/308/KE) fil-parti 4.2:

"– **32003 D 0114**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/114/KE tad-19 ta' Frar 2003 (ĠU L 46, tal-20.2.2003, p. 29)."

Artikolu 2

Għandhom ikunu awtentiċi t-testi tad-Deċiżjonijiet 2003/83/KE, 2003/114/KE u 2003/236/KE fl-ilsien Islandiż u l-ilsien Norveġiż, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment għaż-ŻEE mal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-8 ta' Novembru 2003, sakemm in-notifiki kollha skond l-Artikolu 103 (*) tal-Ftehim ikunu ġew magħmula lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-taqsima ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* u fis-Suppliment għaż-ŻEE tiegħu.

Magħmula fi Brussel, fis-7 ta' Novembru 2003.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

HSH PRINZ NIKOLAUS von LIECHTENSTEIN

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġiet kostituzzjonali.